2 ta' Ottubru, 1951.
Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
Nicholas Mamo ne. *versus* Avv. Dr. Alfredo Mercieca et. ne.

**Bejgħ — Tradizzjoni — Ċwievet — Art. 1430 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-bejgħ ta' oġġetti mobili ma jippreġudikax id-drittijiet tat-terzi jekk ma tkunx saret it-tradizzjoni lix-xerrej.*

*Wieħed mill-modi li bihom tista' ssir it-tradizzjoni ta' l-oġġetti mobili huwa dak tal-konsenja lix-xerrej taċ-ċwievet fejn ikunu jinsabu l-oġġetti mibjugħin, billi l-bejjiegħ joħroġ minn dak il-post u jisvesti ruħu mill-fond fejn jinsabu l-oġġetti; u dan avvolja l-bejjiegħ ma jkunx ipprokura ċ-ċessjoni ta' l-inkwilinat tal-fond favur ix-xerrej.*

*L-importanti hu li t-tradizzjoni ma tkunx fittizja, u li verament tqiegħed l-oġġetti mibjugħa fil-poter, pussess u disponibilità tax-xerrej, ad esklużjoni tal-bejjiegħ.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur nomine ppremetta li fuq it-talba ta' John Formosa, b'mandat nru. 250 ta' l-1950 maħruġ minn din l-Onorabbli Qorti, eżegwit fid-19 ta' April 1951 (li kopja tiegħu tinsab eżibita markata dok. B); li b'mandat numru 158 ta' l-1951, maħruġ minn din il-Qorti fuq it-talba ta' Emmanuele Borg, eżegwit fid-19 ta' April 1951 (li kopja tiegħu hija eżibita u markata dok. C u D); u l-b'mandat maħruġ minn din il-Qorti li jġib in-numru 160 ta'

din is-sena fuq it-talba ta' Francesco Zammit, eżegwit ukoll fid-19 ta' April 1951; ġew maqbuda l-oġġetti kollha indikati mill-marixxall fir-riferta annessa mal-mandat numru 158 tas-sena 1951 (dok. E), liema oġġetti kienu ġew mixtrija mill-attur minn għand Helen Azzopardi, mart l-imsiefer Joseph Azzopardi, li kienet awtorizzata li tagħmel dana bi prokura li hija wriet lill-attur, u li tagħhom l-attur ħallas is-somma ta' £230 skond l-irċevuta markata dok. F; liema oġġetti l-attur akkwista in bwona fede u għalhekk jippossjedihom b'titolu validu fil-liġi; u talab li, premessa kwalunkwe opportuna dikjarazzjoni u mogħti kwalunkwe provvediment analogu, prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-attur akkwista in bwona fede, u għalhekk huwa leġittimu proprjetarju ta' l-oġġetti kollha ndikati fir-riferta tal-marixxall, dok E, minn dina l-Qorti tiġi revokata l-eżekuzzjoni ta' l-imsemmija mandati (dok. B, C u D). Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li għandhom jidhru għas-subizzjoni tagħhom;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Il-preġudizzjali opposta mill-konvenut Zammit........

*Omissis;*

Fil-meritu;

Kwantu għall-fatti, deher illi l-attur xtara minn għand mart id-debitur il-mobbli 'n kwistjoni bil-prezz ta' £230, u li dak in-nhar stess li xtrahom u ħallasha, din, li kienet sejra ssiefer ħdejn żewġha, tagħtu ċ-ċwievet tal-post fejn kienu l-mobbli u ħarġet mill-post. L-attur, li hu negozjant tal-mobbli, kellu in segwitu jagħmel irkant, tant tal-mobbli li xtara kemm ta' oħrajn li kien sejjer iżid minn tiegħu, kollox akkont tiegħu, u fil-fatt saru l-preparativi għall-irkant, li ġie però impedut bil-mandati "de quibus". Il-provi juru li l-attur realment ħa ċ-ċwievet tal-post f'idejh, li hu verament ħallas il-prezz tal-mobbli li xtara, fuq prezzatura approssimativa ta' l-irkantatur Darmenia, u li kellu jżomm iċ-ċwievet sat-30 ta' Mejju 1951, sakemm jagħmel l-irkant, u mbagħad jagħtihom lil xi parenti tal-venditriċi, u li hu ma kienx jaf bid-debiti tal-konvenut Azzopardi;

Issa, hi liġi pożitiva illi wieħed mill-modi li bih tista' ssir it-tradizzjoni ta' l-oġġetti mobili mibjugħin jikkonsisti preċi-

żament billi jingħataw l'idejn ix-xerrej l-imfietaħ tal-lok fejn dawn l-oġġetti jkunu qegħdin (art. 1430 Kap. 23 Ediz. Riv.), k'f inhu wkoll prinċipju, paċikament akkolt fil-ġurisprudenza (Appell "Doublet vs. Psaila", 3 ta' Ġunju 1946, Vol. XXXII —I—402), illi t-tradizzjoni tal-mobbli mibjugħa ma tippreġudikax lit-terzi jekk l-oġġetti jibqgħu fil-poter u fil-pussess tal-bejjiegħ;

Issa, f'dan il-każ ma jistax raġjonevolment jingħad li l-oġġetti mibjugħa baqgħu fil-pussess tal-venditriċi. Il-provi juru illi, mal'i sar il-bejgħ u tħallas il-prezz, il-venditriċi svestiet ruħha mill-pussess, għaliex tat iċ-ċwievet tal-post fejn kienu l-oġġetti mibjugħa lix-xerrej (l-attur), u "hija stess ħarġet mill-post";

K'en jkun divers il-każ kieku hi baqgħet fil-post. Għalhekk għal dan il-każ ma hux applikabili dak li rritiena l-Imħallef Dr. Giovanni Pullicino fil-kawża "Massa vs. Micallef ne. et.", 2 ta' April 1898, Prim'Awla, Vol. XVI—II—238, ċitata mill-konvenut Zammit; mhux biss għaliex f'dak il-każ kien hemm ċirkustanzi ta' fatt diversi, li kienu juru li l-bejgħ kien simulat, imma anki għaliex il-bejjiegħ baqa' fil-post fejn kienu l-oġġetti non ostanti ċ-ċessjoni ta' l-inkwilinat. Fil-każ preżenti, il-venditriċi telqet mill-post mal'i tat iċ-ċwievet tal-post lill-attur xerrej, li konsegwentement ġie li akkwista d-disponibilità esklużiva ta' l-oġġetti. F'każ bħal dak ta' din il-kawża ma jistax raġjonevolment wieħed jeżiġi li l-venditriċi kellha bżonn iċċedi l-inkwilinat lill-attur u tipprokura r-rikonoxximent tiegħu bħala kerrej mil-lokatur. L-awturi, meta jeżemplifikaw din l-ispeċi ta' konsenja, jagħtu, fil-biċċa l-kbira tagħhom, l-eżempju hekk deskritt mir-Ricci (Corso Teor. Prat. Vol. VII, pag. 241) :— "Ti ho venduto, ad esempio, tutto 'l vino della mia cantina, o tutto il grano del mio granaio; interessando a te che la vendita si eseguisca mediante la tradizione, e d'altronde non essendo possibile e conveniente trasportare sul momento il mio vino o il mio grano nella tua cantina o nel tuo granaio, tu esigi da me la consegna delle chiavi della cantina o del granaio, e, consegnandotele, io soddisfo in questo modo all'obbligo della tradizione". Issa, ebda awtur ma qatt żied li hemm bżonn li x-xerrej, f'każ simili, jkun ġie rikonoxxut bħala kerrej ġdid minn sid il-kantina

jew maħżen. L-importanti hu li t-tradizzjoni ma tkunx fittizja, u li verament tqiegħed l-oġġett mibjugħ fil-poter, pussess u disponibilità tax-xerrej "ad esklużjoni tal-bejjiegħ", bħal ma sar f'dan il-każ;

Kwantu għall-ispejjeż, fil-konfront tal-konvenuti Formosa u Borg............;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talba fis-sens li tirrevoka l-eżekuzzjoni tal-mandati ta' elevazzjoni magħmula mill-konvenuti Formosa u Borg, bl-ispejjeż ta' dan il-kap fil-konfront ta' kulħadd, kontra l-konvenut debitur, l-imsiefer Joseph Azzopardi;

Tillibera "ab observantia" lill-konvenuti kuraturi Dr. Grech u P.L. Cortis u lill-konvenut Zammit, bl-ispejjeż, fil-konfront tagħhom, kontra l-attur.

---